**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**

**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**

**SEZZJONI ĠENERALI**

**Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**

**Rikors Numru: 117/2008 MV**

Dr. Mark Chetcuti prokuratur tal-assenti Raymond Grima u b'digriet tat-18 ta' Mejju 2011 l-atti ġew trasfużi f'isem Dr. Alex Perici Calascione u b'Nota tad-9 ta' Ottubru 2013 Dr. Christian Grima assuma l-atti tal-kawża għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Raymond Grima minflok l-Avukat Alex Perici Calascione

-vs-

Virginia Grima

**Illum 12 ta' Ottubru 2023**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors preżentat mir-rikorrent illi jgħid hekk:

1. Illi Raymond Grima hu bin il-mejjet Joseph Grima li miet fl-24 ta' Dicembru 2002.

2. Illi l-intimata hi t-tieni mara ta' Joseph Grima li zzewweġ fil-21 ta' Novembru 1998.

3. Illi Joseph Grima miet testat u skond it-testment tieghu tat-12 ta' Marzu 2001 fl-atti tan-nutar Michael Refalo halla lil ibnu Raymond Grima eredi universali tal-assi tieghu mobbli u immobbli f'Malta filwaqt li halla lil martu Virginia l-uzu u l-uzufrutt *durante vita* tal-istess propjeta.

4. Illi fit-28 ta' Novembru tas-sena 2000, il-konjugi Grima permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Michael Refalo, eskludew il-komunjoni tal-akkwisti b'effett minn dakinhar bla pregudizzju ghall-akkwisti maghmula u debiti assunti sa dik l-istess data.

5. Illi tul iz-zwieg intuzaw assi likwidi parafernali u tal-komunjoni ta' Joseph Grima sabiex dawn jigu depozitati f-kontijiet f'isem Virginia Grima jew terzi, jew addirittura ntuzaw biex tinxtara propjeta immobiljari f'isem Virginia Grima kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

6. Illi r-rikorrenti ma ghandu f'idejh ebda parti mill-eredita ta' missieru hlief ghal xi porzjonijiet indivizi zghar hafna minn propjeta immobiljari in komun ma diversi persuni ohra.

7. Illi l-intimata interpellata taghti rendikont ta' dak kollu li kellu Joseph Grima u li ghandha jew kellha taht il-kontroll taghha jew ta' terzi, baqghet inadempjenti, anzi hi teskludi li Joseph Grima kellu xi assi.

Ghalhekk l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. tillikwida, jekk mehtieg bl-opra ta' perit mahtur minnha, l-assi ereditarji tal-imsemmi Joseph Grima billi jigi dikjarat li jikkonsisti f'nofs l-assi konjugali ezistenti bejnu u l-intimata Virginia Grima u dan sat-28 ta' Novembru 2000, fejn giet eskluza l-komunjoni, inkluz ukoll dawk il-beni jew somom kollha li jistghu jirrizultaw bhalha mghoddija lil Virginia Grima taht kwalsiasi protest u ghal kwalsiasi raguni;

2. tillikwida jekk mehtieg bl-opra ta' perit mahtur minnha, l-assi ereditarji parafernali tal-imsemmi Joseph Grima inkluz dawk il-beni jew somom kollha li jirrizultaw li gew mghoddija lil Virginia Grima taht kwalsiasi raguni;

3. taqsam l-assi ereditarji tal-komunjoni hekk likwidati f'zewg porzjonijiet ugwali u tassenja l-istess porzjonijiet hekk maqsuma bejn l-istess kontendenti, soggett ghad-dritt ta' uzu u uzufrutt tal-intimata fuq il-parti spettanti lir-rikorrenti;

4. tassenja l-assi ereditarji parafernali ta' Joseph Grima hekk likwidati lir-rikorrenti soggett ghad-dritt ta' uzu u uzufrutt tal-intimata fuq il-parti spettanti lir-rikorrent.

Rat ir-risposta tal-intimata illi tgħid hekk:

A. Dwar il-fatti:

1. Illi l-fatti dikjarati fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici ma humiex kontestati;

2. Illi l-fatti dikjarati fit-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici ma humiex kontestati;

3. Illi l-fatti dikjarati fit-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici ma humiex kontestati;

4. Illi l-fatti dikjarati fir-raba' paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici ma humiex kontestati;

5. Illi l-fatti dikjarati fil-hames paragrafu attrici huma kontestati kemm minhabba l-fatt dan huwa kontradett mill-att li biha l-partijiet tterminaw il-komunjoni tal-akkwisti kif ukoll ghaliex l-eccipjenti ma wzatx flejjes tal-komunjoni ghall-akkwist minnha tal-proprjeta immobiljari taghha izda wzat biss il-fondi taghha.

6. Illi dwar il-fatti dikjarati fis-sitt paragrafu attrici l-eccipjenti ma tistax tikkummenta fuq dan hlief ghal dak li jirrigwarda l-proprjeta li d-decujus kellu f'Malta. Filfatt f'Malta Joseph Grima ma kellu

xejn hlief affarijiet zghar (effetti personali) u dawn kollha gew offruti lill-attur.

7. Illi l-intimata tat rendikont ta' dak kollu li kellha f'idejha u li kien jappartjeni lil Joseph Grima izda ma tistax taghti rendikont ta' dak li talvolta seta tpogga minn Joseph Grima f'idejn terzi. Illi l-fatti l-fatti dikjarati fis-seba' paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati hlief fejn jinghad li "hi teskludi li Joseph Grima kellu xi assi, liema dikjarazzjoni giet kwalifikata kif jinghad f'din id-dikjarazzjoni.

B. Eccezzjonijiet

1. Illi, in kwantu li qieghed jitlob rendikont tal-amministrazzjoni tal-assi parafernali (mehtiega ghall-likwidazzjoni tal-istess assi) tad-decujus l-attur jiddifetta mill-interess rikjest mill-ligi fl-azzjoni minnu proposta;

2. Illi l-attur ma ghandu l-ebda dritt li jitlob rendikont tal-assi li d-decujus ha meta saret is-separazzjoni in kwantu li fl-att koncernat hemm dikjarazzjoni li kull akkwist li saret f'isem xi parti tappartjeni lil dik il-parti. Meta ppubblikaw dan l-att il-partijiet implicitament ezentaw lil xulin mill-obbligu li jaghtu rendikont u ghalhekk stipulaw li ma kienux qieghdin jillikwidaw il-komunita tal-akkwisti bejniethom. L-effetti legali ta' dak li ghamel Joseph Grima jitkomplew fil-persuna tal-werriet tieghu. Kif Joseph Grima ma setghax jitlob rendikont wara li ppublika l-att lanqas ma jista jaghmel dan il-werriet tieghu;

3. Illi, kompletament bla pregudizzju ghas-suespost, u fi kwalsiasi kaz effettivament il-partijiet qassmu kull ma kellhom b'dan li kull parti hadet sehemha li[1] fi kwalsiasi kaz, ma huwiex permissibbli li jintalab rendikont ta' oggetti mizmuma in komuni wara li dawn l-istess oggetti ikunu nqasmu bejn il-partijiet;

4. Illi kompletament bla pregudizzju ghas-suespost, u fi kwalsiasi kaz, ghal dak li jirrigwarda t-talbiet koncernanti l-assi ereditarji f'Malta tad-decujus Joseph Grima, l-eccipjenti tat rendikont shih tal-beni parafernali tad-decujus li kienu fil-pussess taghha u offriethom lill-attur. Di fatti, dawn l-assi kienu jikkonsistu unikament f'xi effetti personali u xi oggetti mobbli li l-esponenti gia ppruvat trodd lill-attur li izda irrifjuta li jaccettahom minghajr raguni valida.

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost jigi eccepit li l-attur ma ghandu l-ebda interess jew jedd li jissindika l-att li bih il-mittenti xtrat proprjeta immobbli, liema akkwist sar bl-gharfien shih tal-predecessur fit-titolu tal-attur.

6. Illi bla pregudizzju ghas-suespost jigi eccepit l-eccipjenti ma wzatx assi parafernali tal-attur u/jew assi tal-komunita ezistenti sa Novembru 2008 hlief ghall-iskopijiet permessi mill-Kodici Civili.
7. Illi l-eccezzjonijiet kollha moghtija huma indipendenti minn xulxin u kull wahda[2] qieghda tinghata espressament bla prergudizzju ghall-ohrajn;

[1] Errata corrige
[2] Errata corrige

8. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat l-atti kollha.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda mogħtija quddiem il-Qorti diversament preseduta.

Rat, fliet u qieset il-provi u d-dokumenti kollha prodotti.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

***Preambolu***

*Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti wara l-irtirar tal-Maġistrat Dr. Paul Coppini. Illi l-Qorti kif preseduta għalhekk ma semgħetx ix-xhieda hi u għalhekk din il-Qorti setgħet biss tistrieħ fuq it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u l-inkartament voluminuż f'din il-kawża.*

**Ġurisprudenza**

Il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet Carmelo Mercieca vs Gaetano Pace deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-15 ta' Diċembru 1947 fejn il-Qorti ddikjarat hekk:

> *Meta l-kontraenti jagħmlu kuntratt simulat biex jgħattu kuntratt ieħor li realment riedu jagħmlu, ikun il-każ li wieħed jara liema operazzjoni riedu tassew jagħmlu jekk il-kuntratt simulat huwa dak li riedu jagħmlu biex bih jgħattu l-kuntratt veru; imma jekk il-kuntratt simulatorju li sar huma ma rieduhx, dak il-kuntratt huwa annullabili, għax ma hemmx il-kunsens tal-partijiet għall-perfezzjonament tiegħu, avvolja l-fehma tagħhom kienet li jagħmlu kuntratt simulat. Għax anki l-kuntratt simulatorju għandu jkun rivestit mill-element tal-kunsens.*

> *Il-prinċipju "contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur" iseħħ sakemm il-Qorti ma tkunx persważa illi hemm żball fil-kuntratt jew li tħalla barra xi patt għal xi raġuni speċjali.*

Il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet Carmelo sive Charles Bray et vs Stella Bray et deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Ottubru 1960 fejn il-Qorti ddikjarat hekk:

> *Meta l-kontraenti jagħmlu kuntratt simulat biex jgħattu kuntratt ieħor li realment riedu jagħmlu, ikun il-każ li wieħed jara liema*

*operazzjoni riedu tassew jagħmlu, jekk il-kuntratt simulat hu dak li riedu jagħmlu biex bih jgħattu l-kuntratt veru; imma jekk il-kuntratt simulatorju li sar huma ma rieduħx, allura dak il-kuntratt huwa annullabbli, għaliex ma hemmx il-kunsens tal-partijiet għall-perfezzjonament tiegħu, avvolja l-fehma tagħhom kienet li jagħmlu kuntratt simulat. Kwindi, jekk il-partijiet riedu jagħmlu kuntratt ta' bejgħ biex bih jgħattu kuntratt ta' donazzjoni, dak il-kuntratt għandu jibqa' jseħħ bħala donazzjoni.*

*Is-simulazzjoni hija forma ta' frode, u hekk taqa' taħt is-sanzjoni tal-azzjoni pawljana, li l-elementi fondamentali tagħha huma il-"consilium fraudie" u l-"eventus damni".*

*Kwantu għall-"consilium fraudis", meta si tratta ta' att gratuwitu bħal ma hi donazzjoni, hu biżżejjed li jiġi pruvat biss relattivament għad-debitur; u huwa paċifikament ritenut fid-dottrina u fil-ġurisprudenza illi l-istess jikkonsisti fix-xjenza li bl-att qegħdha tiġi determinata l-insolvenza tad-debitur jew imnaqqsa s-solvibbilita' tiegħu; u biżżejjed jiġi pruvat li kien hemm fid-debitur ix-xjenza u l-previżjoni li l-att sejjer ikun leżiv għall-kreditur, mingħajr ma hi rikjesta l-intenzjoni li l-kreditur jiġi defrawdat. Imma din il-prova tinkombi lil min jimpunja l-att. Jekk jiġi pruvat li d-debitur ried jibbenefika lill-parti l-oħra, imma ma jiġix pruvat li hu ried jiffroda lill-kreditur, dan l-element ma jirrikorrix.*

*Kwantu għall-"eventus damni" hu wkoll paċifiku li dan jikkonsisti fil-preġudizzju li jsofri l-kreditur minħabba l-insolvenza tad-debitur, ċjoe' li l-att tad-debitur ikun ikkaġuna preġudizzju lill-kreditur li jimpunja l-att, billi ġieb jew żied l-insolvibbilta' tad-debitur. Jekk id-debitur ma jippruvax li l-att attakkat irrenda lid-debitur insolventi, jew li d-debitur*

*kien insolventi u l-att awmenta dik l-insolvenza, lanqas dan l-element ma jirrikorri.*

*Din il-Qorti tagħmel referenza wkoll għall-kawża Rikors numru 8/2019/2 fl-ismijiet Rosario Cortis v. Angelo Farrugia u Frances Farrugia deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru 2023, fejn il-Qorti iddikjarat hekk:*

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

*17. Fir-rigward tal-ewwel aggravju, minkejja li l-pretensjonijiet tal-rikorrent appellat huma bbażati fuq kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu li jixhed li l-konvenuti ddikjaraw ruħhom bħala debituri tal-rikorrent fis-somma ta' €88,651 minħabba self, kif ġustament osservat mill-Ewwel Qorti, għalkemm ir-regola hija li mhumiex ammissibbli provi li jmorru kontra dak imniżżel mill-partijiet, u dan fuq il-prinċipju li l-ftehim bejn il-partijiet jikkostitwixxi liġi, il-prinċipju contra scriptum testimonium non fertur, m'huwiex wieħed assolut u jista' jkun soġġett għall-eċċezzjonijiet. (Ara s-sentenza fl-ismijiet Carmelo Morana v. Nutar Dr Joseph Spiteri et deċiża minn din il-Qorti fis-26 ta' Mejju, 1952, Kollez. Vol. XXXVI.I.119, ċitata mill-Ewwel Qorti.) Hekk per eżempju, ġie ritenut li din ir-regola ma tapplikax fejn l-att miktub ġie attakkat minħabba simulazzjoni. Il-fatt li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu kien redatt minn nutar, ma jfissirx li dak il-kuntratt mhuwiex wieħed sindakabbli.*

*Ġaladarba l-konvenuti jibbażaw id-difiża tagħhom fuq kawża illeċita - l-użura, li tmur kontra l-liġi, peress li s-somma ddikjarata tinkorpora*

*fiha imgħax b'rati ogħla minn dak li tippermetti l-liġi, kif osservat mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-kawża Farrugia v. Direttur tas-Sigurta` Soċjali, deċiża fid-19 ta' Ottubru, 2005, "Il-konvenzjoni affetta b'użura hija, għal dak li jirrigwarda l-użura, nulla b'mod assolut, jiġifieri ineżistenti, billi illeċita għaliex projbita mil-ligi, u hija lleċita fil-konfront tal-mutwant." App. Ċiv. 8/2019/2 Kwindi huwa meħtieġ li din il-Qorti tidħol fl-isfond li fih sar il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu."*

….kompliet

*"filwaqt li skont l-Artikolu 987 tal-Kodiċi Ċivili, l-obbligazzjoni mingħajr kawża, jew magħmula fuq kawża falza jew illeċita, m'għandha l-ebda effett. II-Qrati tagħna dejjem irritenew li l-konvenzjoni affetta bl-użura hija, għal dak li jirrigwarda l-użura, nulla b'mod assolut. (Ara Joseph Mary Farrugia v. Gontran Borg noe, deċiża mill-Qorti tal-Kummerc fil-15 ta' Novembru 1985, Kollez. Vol. LXIX.IV.526. Kif ukoll sentenza fl-ismijiet Joseph Peplow v. Ferdinando Galea deċiża minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 1955, Kollez. Vol. XXXIX.I.366, kif ukoll is-sentenza fl-ismijiet Julia Borg et v. Carmel Brignone ċitata mill-Ewwel Qorti). Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti jistħoqqilhom li jiġu milqugħa, in kwantu jeħtieġ li ssir korrezzjoni għall-kuntratt tal-App. Ċiv. 8/2019/2 Paġna 46 minn 48 kostituzzjoni ta' debitu tal-15 ta' Frar, 2012, sabiex dan jirrifletti l-ammont ta' €34,940.60, bħala s-somma ta' self aċċertata minn din il-Qorti.*

*37. L-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-rikorrent għall-kontro-talba tal-konvenuti għandhom għalhekk jiġu miċħuda. Mentri fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-rikorrent imsejsa fuq l-Artikolu 1224 tal-Kodiċi Ċivili, dwar il-preskrizzjoni ta' ħames snin fil-każ ta' azzjoni għal rexxissjoni,*

*kif ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Marzu, 1955, fl-ismijiet Joseph Peplow v. Ferdinando Galea: "Is-sentenzi hemm ċitati huma dik ta' din il-Qorti tas-6 ta' Novembru, 1876 in re "Psaila vs. Psaila" (kollez. Vol. VII, paġ.635) li rriteniet "che non è applicabile al caso la prescrizione di cinque anni contemplata nell'articolo 932 dell'Ordinanza no. VII del 1868 (illum 1268), perchè in quell'articolo si tratta di rescissione di una obbligazione, e nel presente caso stante la detta nullita assoluta, non vi è stata alcuna obbligazione." Sentenza oħra ta' din il-Qorti (Appell Inferjuri) tal-14 ta' Diċembru, 1935, in re "Zammit vs' Zahra", irriteniet li l-preskrizzjoni kontra "le materie che appartengono all'ordine pubblico (bħal dik tal-użura in eżami) non è ammissibile;" Isegwi li b'applikazzjoni tal-istess prinċipji, lanqas din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tar-rikorrent rikonvenzjonat ma tista' tirnexxi.*

**Provi**

Ir-rikorrent ippreżenta l-affidavit tiegħu a folio 34 tal-proċess, f'liema affidavit huwa jagħti rendikont tal-informazzjoni li huwa rnexxielu jikseb mill-Internal Revenue Service dwar il-finanzi li missieru kellu reġistrati magħhom sa meta miet. Dawn l-assi jinkludu:

> "Based on information I obtained from the Internal Revenue Service, my father's tax returns filed for 2000 was filed jointly and Virginia was listed on the return as housewife. She had left her job as a hotel manager at about the time of their marriage. The returns indicate that the total gross income of my father was $60,994. There was $35,624 earned in interest from five bank accounts from three banks: two from Apple Bank earning respectively $5,535, and $13,317; two accounts from Greenpoint

> Savings Bank one earning $4,343 and the second $6,578; another account from Flushing Savings Bank earning $5,851. Additionally, there was a loss from a stock my father held for $6,386...”

Huwa ippreżenta ittra dwar settlement tal-inċident tat-traffiku fl-ammont ta’ $65,000[3]. Huwa preżenta wkoll diversi dokumenti minn banek u istituzzjonijiet finanzjarji, kif ukoll l-income tax returns ta’ missieru li jikkonfermaw dak li huwa spjega fl-affidavit tiegħu[4].

Fit-22 ta’ Frar 2010, deher **Joseph Debrincat**, rappreżentant tal-Bank of Valletta p.l.c. li ppreżenta nota fejn jingħad li l-intimata “Virginia Grima (I.D. 23950G) ma kellha l-ebda kont bankarju jew investimenti mal-Bank of Valletta plc fil-perjodu mill-21 ta’ Novembru 1998 sal-24 ta’ Diċembru 2002[5].

Xehed **Noel Galea[6]** in rappreżentanza tal-HSBC. Huwa spjega li bħala bank ikollhom informazzjoni fuq kontijiet bankarji biss. Investimenti oħra jaqgħu taħt kumpanija sussidjarja tal-istess bank u ċioe’ HSBC Fund Managements. Huwa spjega li bejn l-1998 u 2002 kien hemm kont f’munita ta’ dollar amerikan f’isem Virginia Grima. Huwa kien sprovvist minn informazzjoni ulterjuri u l-eżami ġie sospiż sabiex iressaq aktar informazzjoni dwar meta u kif infetaħ il-kont. Huwa ppreżenta d-dokumenti NG1 minn folio 127 sa 143 tal-proċess.

---

[3] A folio 38 tal-proċess
[4] A folio 39 – 94 tal-proċess
[5] A folio 116 tal-proċess
[6] A folio 118 tal-proċess

Xehed **Karl Buhagiar**[7] in rappreżentanza tal-Bank APS. Ix-xhieda tiegħu hija repetuta a folio 144 sa 148 tal-proċess. Huwa ppreżenta d-dokumenti CB1 minn folio 149 sa 156 tal-proċess.

Xehed **Alvin Tabone**[8] in rappreżentanza ta' Lombard Bank li spjega "li mir-ricerka li ghamilna ma jirrizulta li ma kien hemm ebda kontijiet f'dak il-perjodu".

Fit-03 ta' Mejju 2010, reġa' deher **Joseph Debrincat**, rappreżentant tal-Bank of Valletta p.l.c. li ppreżenta nota fejn jingħad li l-intimata "Virginia Grima (I.D. 23950G) ma kellha l-ebda kont bankarju jew investimenti mal-Bank of Valletta plc fil-perjodu mill-21 ta' Novembru 1998 sal-24 ta' Diċembru 2002[9].

Xehed **Mario Fenech**[10] għan-nom ta' HSBC Life Insurance li ddikjara li "s-sinjura Virginia Grima la qatt kellha u lanqas ghandha kontijiet registrati maghna."

Xehed **Aaron Brancaleone**[11] għan-nom ta' HSBC Security Services u HSBC Asset Management li ddikjara li "fil-perjodu indikat fl-ingunzjoni li rcevejna, s-sinjura Virginia Grima la qatt kellha u lanqas ghandha kontijiet registrati maghna."

---

[7] A folio 121 tal-proċess
[8] A folio 126 tal-proċess
[9] A folio 164 tal-proċess
[10] A folio 167 tal-proċess
[11] A folio 168 tal-proċess

Reġa' xehed **Noel Galea**[12] għan-nom ta' HSBC branch tar-Rabat Għawdex li spjega li l-kont kien infetaħ f'isem Virginia Portelli fl-01 ta' Lulju 1991 u kien infetaħ minnha stess. Huwa spjega li l-ammont ta' $90,000 fil-kont numru: 715069091 kien ammont bilanċjali minn somma akbar li kienet akkumulat mas-snin qabel l-1998.

Il-kont l-ieħor li fis-sena 2000 inġibdu minnu $74,000 kien jgħajjat lilha biss.

Fl-04 ta' Ġunju 2001 sar depożitu ta' $34,900 li kien trasferiment li ġie f'isem Virginia Grima minn bank minn barra u li kien wire transfer. Ma jirriżultalux f'isem min kien il-kont fil-bank ta' barra.

Dwar id-depożitu ta' $11,985 li sar fit-03 ta' Lulju 2002, jgħid li ma kellux talba għall-informazzjoni.

Dwar id-depożitu ta' $23, 986 jgħid li ġie minn Heartfelt Insurance, jgħid li ma jkollhomx informazzjoni f'isem minn kien, u li minn barra ma jkollhom xejn dettalji, għandhom biss l-informazzjoni li daħal fil-kont tagħha.

Dwar id-depożitu ta' $148, 295 li sar fis-27 ta' Novembru 2002 jgħid li l-flus intbagħtu minn barra taħt isem Joseph Grima u Virginia Grima, fil-fatt preżenta kopja ta' telegraphic transfer credit li jgħid "by order

[12] A folio 169 tal-proċess

of Joseph Grima and Virginia Portelli, Grima." U ġie trasferit fil-kont tagħha.

Mitlub jekk ikollhomx aktar informazzjoni, qal li ser jagħmel aktar verifiki dwar x'informazzjoni hemm dwar l-imsemmija depożiti. Huwa preżenta Dokument NG1 a folio 180 sa 184 tal-proċess.

Xehdet in subizzjoni **Virginia Grima**[13] li kkonfermat li hi u żewġha għamlu kuntratt fit-28 ta' Novembru 2000 fejn waqqfu l-komunjoni tal-akkwisti. Spjegat li qabel iżżewġet kellha flat Għawdex u dar New York u kellha flus ukoll għax kien ilha taħdem. Spjegat li l-kont tal-HSBC bil-bilanc ta' $90,400 kien ilha li fetħitu minn qabel iż-żwieġ u ċioe' fil-1991. Tgħid illi fil-1972 kienet taħdem fil-UK u wara għaxar snin taħdem hemm marret taħdem New York. Tgħid li kienet taħdem "high management" u kellha pożizzjoni tajba fejn kienet taqla' "$1000 a week clear". Tikkonferma li d-dar numru 5, Triq tal-Ħali xtratha dakinhar li hi u żewġha għamlu l-kuntratt ta' terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Tgħid li l-flus li bihom inxtrat id-dar kienu tagħha personali qabel iż-żwieġ. Tgħid li hi ħallset b'ċekk personali mill-kont HSBC numru: 715069091. Tgħid li dan huwa l-istess kont li qabel kien kont tal-Mid Med Bank u għalhekk inbidel ukoll in-numru tiegħu meta dan il-bank sar HSBC.

Mistoqsija dwar il-kont b'depożitu ta' $148,295 datat 27 ta' Novembru 2002, tgħid li dan oriġina minn kont f'isimha f'New York. Tgħid li dan ma kienx bejgħ ta' investiment ta' żewġha ma' Rochester Fund li kien f'isem żewġha u hi ma tafx li kellu investiment ma' Rochester Fund, jekk kellu. Tgħid li l-kont kien tagħha investit ma' Pershing ma' Essex

[13] A folio 186 tal-proċess

National Security Corporation, "u kienu invested Rochester Fund[14]". Hija tgħid illi kienet bidlet il-kontijiet li kellha l-Amerika iżda ma tagħti l-ebda raġuni plawsibbli għalfejn għamlet dan.

Tgħid ill hija ma kellhiex prokura tar-raġel[15], ħlief għall-aħħar "xahar xahrejn [qabel miet] għax ma setax imur jibdel ic-cheque…".

Mistoqsija dwar l-income tax returns[16] u kif kienu jimlew l-income tax returns, tgħid li l-income tax return kienu jimlewha flimkien, anke dik tal-1999 minkejja li huma żżewgu fis-sena 2000. Ir-raġunijiet mogħtija minnha għalfejn għamlu hekk huma vagi u inverosimili.

Tgħid illi l-kontijiet ġew mibdula f'isem it-tnejn imma dan kien biss bdil fit-title tal-isem tal-kont: "..bdilna, jigifieri title biss, kull ma tibdel it-title ghax issa jekk immut jien illum ghada jehodhom ir-ragel, tar-ragel, …ir-ragel issuggerixxa…[17]"

Mistoqsija dwar il-kontijiet li r-raġel seta' kellu Malta, hija tgħid li ma kellux kontijiet mal-banek Malta. Meta mistoqsija fejn kienet tmur il-pensjoni tiegħu, li fis-sena 1999 kienet fl-ammont ta' wieħed u sittin elf (61,000)[18] hija tgħid li kienu "jghixu bihom"[19].

---

[14] A folio 195 tal-proċess.
[15] A folio 198 tal-proċess.
[16] A folio 205 et seq tal-proċess.
[17] A folio 202 tal-proċess
[18] A folio 203 tal-proċess
[19] A folio 203 tal-proċess

Tgħid li r-raġel ma kellu l-ebda investimenti barra u l-investimenti kienu tagħha[20].

Tgħid illi żewġha kellu insurance qabel ma żżewġu u hija kienet il-primary beneficiary tagħha[21], u tispjega li din inzertat għalqet xahar qabel ma' miet.

Taqbel illi hekk ħamest ijiem qabel miet ir-raġel u ċioe' fid-19 ta' Diċembru 2002 ġibdet is-somma ta' mitejn elf mill-bank, bir-raġuni li ġġib li għax kellha bżonnhom[22].

Mistoqsja dwar kumpens ta' ħamsa u sittin elf (65,000) li ħa r-raġel minħabba inċident, tgħid li kienet taf bihom[23]. Tispjega li dan kien qabel iż-żwieġ.

B'referenza għal diversi tipi ta' investimenti li kien hemm f'isem ir-raġel ma' diversi istituzzjonijiet, tgħid li dawk tar-raġel u hija qatt ma kellha investimenti magħhom għajr għall-pension fund tagħha li kellha tax-xogħol[24].

In **kontro-eżami[25],** tgħid li meta l-kontijiet inqalbu f'isimha u f'isem ir-raġel għamlet hekk għax kienu se jiżżewgu, iżda l-flus baqgħu

[20] A folio 207 tal-proċess
[21] A folio 210 tal-proċess.
[22] A folio 211 tal-proċess.
[23] A folio 213 tal-proċess.
[24] A folio 214 u 215 tal-proċess.
[25] A folio 220 et seq tal-proċess

tagħha. Fl-istess nifs tgħid li r-raġel seta' jmur jiġbed minnhom anke mingħajr il-kunsens tagħha.[26] U dan kien applikabbli wkoll għaliha.

A folio 223, 224 u 225 ġew esebiti mill-intimata tlett dokumenti VG1, VG2 u VG3.

Deher **Oliver Grech[27]** in rappreżentanza tal-APS Bank u esebixxa statement li skont il-verbal immarkat OG1 iżda effettivament mhux immarkat.

Xehed ir-rikorrent **Raymond Grima[28].** Huwa spjega li t-tifel il-kbir James kien qala' ħafna inkwiet lill-missieru. Kien għalhekk illi missieru kien għamel testament fejn ħalla bhala eredi lilu ċioe' Joseph u lill-intimata Virginia. Spjega li missieru ma kellux proprjeta' immobbli imma kellu biss proprjeta' mobbli konsistenti f'"cash and stock"[29]. Fix-xhieda tiegħu huwa jispjega dwar id-diversi kontijiet li kellu missieru u ppreżenta d-dokumenti relattivi, l-irrevocable trust agreement u l-aħħar testment ta' missieru Joseph Grima u ċioe' Dokument RG1, RG2, RG3, RG4, RG5, RG6, RG7 u RG8[30]. Huwa kompla jixhed[31] u esebixxa d-dokumenti RG9 sa RG24. Huwa xehed in kontro-eżami[32] fit-tul. Huwa kompla jixhed fis-seduta tat-02 ta' Marzu 2016[33]. Permezz ta' Nota a folio 660 tal-proċess huwa ppreżenta kopja tal-magazine Investor li kienet intbagħtet lill-missieru. Huwa

[26] A folio 221 u 222 tal-proċess.
[27] A folio 231 tal-proċess
[28] A folio 279 tal-proċess.
[29] A folio 293 tal-proċess.
[30] A folio 311 sa 393 tal-proċess.
[31] A folio 394 et seq tal-proċess
[32] A folio 551 et seq tal-proċess.
[33] A folio 638 tal-proċess.

reġa’ xehed a folio 673 et seq tal-proċess. Dakinhar sar ukoll il-kontro-eżami tar-rikorrent[34].

Reġgħet xehdet in subizzjoni l-intimata Virginia Grima[35] fejn ikkonfermat illi hija kienet ġibdet is-somma ta’ kważi erbgħa u għoxrin elf u mija u tmienja u erbgħin elf mill-Hartford Fire Insurance u ddepożitathom fil-kont tagħha.

Xehdet **Catherine Xuereb[36],** in rappreżentanza ta’ Care Malta illi spjegat dwar is-servizzi mogħtija minn Villa Messina u t-tariffi relattivi.

Ġiet esebita prokura li r-rikorrent ta lil Clemence Spiteri sabiex jirrappreżentah f’din il-kawża u fl-atti kollha relattivi[37].

Xehed **Saviour Farrugia[38],** in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-Liċenzji, dwar il-vetturi li kellu f’ismu d-defunt Joseph Grima.

Rat u qieset in-nota tar-rikorrent u d-dokumenti annessi a folio 761 sa 789 tal-proċess.

Xehdet **Mary Anne Vella**[39].

[34] A folio 676 et seq tal-proċess.
[35] A folio 738 tal-proċess
[36] A folio 744 tal-proċess
[37] A folio erronjament immarkat 258b iżda għandu jaqra 758b.
[38] A folio 759 tal-proċess.
[39] A folio 806 tal-proċess u l-kontro-eżami relattiv a folio 954 tal-proċess.

Xehdet **Pacifika Masini**[40].

Illi l-intimata **Virginia Grima** xehdet fit-tul kemm in eżami kif ukoll in kontro-eżami. Hija ppreżentat ukoll affidavit[41].

Rat in-nota bl-affidavit ta' **Ann Marie Barbagallo** bid-dokumenti annessi[42].

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata[43].

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor**

Illi din il-kawża titratta dwar il-komunjoni tal-akkwisti bejn id-defunt Joseph Grima u t-tieni mara tiegħu Virginia Grima. Ir-rikorrent jgħid li missieru kellu ħafna ġid u li huwa għadda kollox lit-tieni mara tiegħu u wara ffirma wkoll kuntratt fejn twaqqfet il-komunjoni tal-akkwisti.

L-intimata tgħid li d-defunt ma kien baqagħlu xejn. Tgħid li hija akkwistat b'dak li kisbet qabel iż-żwieġ u li d-defunt kien xellerat, jonfoq u jberbaq.

[40] A folio 823 – 913, 1089 – 1108 tal-proċess.
[41] A folio 796 tal-proċess, a folio 984 u a folio 993 sa 1086 tal-proċess.
[42] A folio 916 – 937, 1113 – 1120 tal-proċess.
[43] Mhix numerata.

**It-Talbiet u l-Eċċezzjonijiet fil-Qosor**

Illi f'din il-kawża, ir-rikorrent qiegħed jitlob li tiġi likwidata u maqsuma bejn il-partijiet l-assi ereditarja ta' missieru li tikkonsisti f'nofs l-assi konjugali eżistenti bejnu u l-intimata Virginia Grima sat-28 ta' Novembru 2000 meta permezz ta' kuntratt ġiet eskluża l-komunjoni tal-akkwisti, kif ukoll l-assi parafernali tiegħu.

L-intimata teċċepixxi n-nuqqas ta' interess ġuridiku tar-rikorrent stante l-kuntratt tat-twaqqif tal-komunjoni tal-akkwisti, u konsegwentament tkompli teċċepixxi li t-talbiet tal-attur ma jistgħux jiġu milqugħa għaliex huwa jidħol fiż-żarbun ta' missieru. Ladarba missieru waqqaf il-komunjoni tal-akkwisti allura l-werrieta tiegħu m'ghandhom jedd jitolbu l-ebda rendikont fuq l-istess.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti tqis illi dak li jħoll u jorbot f'din il-kwistjoni huwa l-ewwel u qabel kollox il-kuntratt tat-twaqqif tal-komunjoni tal-akkwisti. Dan għaliex fil-fehma tal-Qorti, minn hemmhekk jiddependi jekk ir-rikorrent ghandux l-interess ġuridiku li trid il-liġi sabiex jistitwixxi kawża bħal din.

Illi l-Qorti fliet fit-tul ix-xhieda kollha mogħtija, partikolarment ix-xhieda mogħtija f'diversi istanzi mill-intimata, kemm meta ttellgħet tixhed in subizzjoni, kemm meta xehdet hi fl-istadju tal-provi tagħha, kemm l-affidavit imressaq minnha, u kemm il-kontro-eżami tagħha, liema huma kollha fit-tul u voluminużi.

Illi din il-Qorti għażlet illi ma tagħmilx sommarju tal-istess, għajr għax-xhieda mogħtija in subizzjoni, dan kif għamlet fir-rigward tax-xhieda l-oħra u dan din il-Qorti għamlitu għaliex tqis illi fid-dawl tax-xhieda mogħtija wieħed għandu jara t-traskrizzjonijiet relattivi in toto sabiex jasal għall-konklużjoni ġusta.

Illi din il-Qorti fliet ukoll bir-reqqa d-dokumenti kollha mressqa, liema wkoll huma numerużi.

Illi minn analiżi u evalwazzjoni tal-istess, jirriżulta ċar illi l-intimata ma hija xejn koerenti f'dak li tixhed. L-ewwel tgħid ħaġa u ftit wara meta d-domandi jkunu aktar sekkanti, tgħid oħra, jew tgħid li ma tiftakarx, jew tgħid li għandha d-dokumenti, tagħti verżjoni u meta terġa' tixhed ma tikkonfermahiex, iżda tnaqqas biċċa jew iżżid biċċa oħra ma' dak li tkun qalet qabel.

Hija tgħid illi hija kellha diversi investimenti u li d-defunt ma kellux. Meta pero' tiġi rinfaċċjata b'domandi speċifiċi fuq investimenti speċifiċi hija taċċetta li fil-fatt id-defunt kellu investimenti iżda meta ġew lura Malta ma kien fadallu xejn. Dan ma jagħmilx sens aktar u aktar fid-dawl tal-fatt illi mistoqsija x'għamel bihom hija sempliċiment tgħid li nefaqhom mingħajr ebda spjegazzjoni f'hiex meta u kif. Meta

wieħed jikkunsidra li hawn si tratta minn eluf, wieħed ma jistax jieħu tali xhieda b'mod leġġer.

Lanqas ma jagħmel sens dak li ddikjarat l-intimata li l-kontijiet li nfethu hawn Malta fuq isem it-tnejn kienu flus tagħha u hi sempliċiment poġġiet isem id-defunt biex il-kont ikun joint. Dan meta hija tixhed li kienet taħdem f'pożizzjonijiet maniġerjali u għalhekk anke minħabba x-xogħol tagħha żgur li kienet taf ben tajjeb li l-kont joint ifisser li d-dritt għalih huwa tat-tnejn. Konsegwentament din il-Qorti tqis illi ma tistax toqgħod fuq dawn ir-raġunijiet mogħtija mill-intimata. Il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li persuna bħall-intimata, bid-diversi pożizzjonijiet ta' xogħol li hija spjegat li kienet tagħmel fl-esteru, żgur li kienet kapaċi tieħu ħsieb l-interessi tagħha, u li kieku kien minnu li d-defunt ma kellu xejn minn dawk il-flejjes hija ma kinitx ser toqgħod biex dawn jitpoġġew f'kontijiet joint.

Dan l-animu tal-intimata joħroġ ċar mix-xhieda tagħha, mill-mod kif xehdet kif jirriżulta fit-traskrizzjonijiet relattivi.

Il-Qorti tqis għalhekk illi xhieda bħal din, inkongruenti u inkoerenti għall-aħħar m'għandhiex mis-sewwa u mhux ta' min joqgħod fuqha.

In vista ta' dan din il-Qorti hija tal-fehma li l-kuntratt tat-twaqqif tal-komunjoni tal-akkwisti huwa wieħed fażull u simulat u għandha dubji kbar ta' kemm id-defunt fl-eta' tiegħu seta' fehem il-konsegwenzi u l-import tal-istess.

Għaldaqstant, il-Qorti filwaqt illi tiddikjara li l-imsemmi kuntratt tat-twaqqif tal-komunjoni tal-akkwisti huwa simulat, in vista tal-ġurisprudenza kwotata tqis illi allura r-rikorrent għandu l-interess ġuridiku li trid il-liġi sabiex jistitwixxi kawża bħal din u konsegwentament tiċħad l-eċċezzjoni tal-intimata f'dan ir-rigward.

**Ikkunsidrat:**

Illi in vista għalhekk li l-Qorti tqis li tali kuntratt fil-fatt sar sabiex l-intimata jkollha fuqhiex taqa' u tipproteġi lilha nnfisha sabiex iżżomm għaliha biss il-patrimonju tad-defunt, u sserrah moħħha li ħadd mhu se jeħdilha xejn minn dak li ġustament kien jappartjeni lid-defunt, il-Qorti għandha tilqa' t-talbiet, stante illi ladarba dak il-kuntratt huwa simulat, allura ma jeżistix u jidħol in vigore dak li tipprovdi l-liġi.

**Ikkunsidrat:**

Illi fir-rigward tal-kuntratt dwar ix-xiri tal-fond matrimonjali li sar fl-istess data li sar il-kuntratt dwar it-twaqqif tal-komunjoni tal-akkwisti, u hawnhekk ukoll il-Qorti tqis illi għandha tirrimarka li għandha d-dubji kbar tagħha dwar kemm id-defunt fil-fatt kien jaf x'qed jiġri u li huwa ma kien ser ikollu xejn minn tali fond, minkejja illi huwa wkoll ċar li dan il-fond tħallas ukoll biex ma jingħadx esklussivament minn fondi tad-defunt.

Illi l-rikorrent ma għamel l-ebda talba fir-rigward ta' dan il-kuntratt u għalhekk din il-Qorti qegħda tastjeni milli tiddikjara dwar l-imsemmi fond u l-imsemmi kuntratt.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq spjegati, il-Qorti tqis illi t-talbiet tal-rikorrent huma mistħoqqa u għandhom jiġu milqugħa.

Konsegwentament il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-assi ereditarji tad-defunt Joseph Grima jikkonsistu f'nofs l-assi konjugali eżistenti bejnu u l-intimata Virginia Grima u dan sat-28 ta' Novembru 2000 inkluż il-beni u somom kollha mgħoddija lill-intimata taħt kwalunkwe pretest u/jew raġuni u taħtar sabiex jillikwida l-istess lill-komputist Massimo Borg; u

2. Tilqa' t-tieni talba u taħtar lill-istess komputist Massimo Borg sabiex jillikwida l-assi ereditarji parafernali tad-defunt Joseph Grima inkluż il-beni u somom kollha mgħoddija lill-intimata taħt kwalunkwe pretest u/jew raġuni; u

3. Tilqa' t-tielet talba u taħtar lill-istess komputist Massimo Borg sabiex jaqsam l-assi ereditarji tal-komunjoni f'żewġ porzjonijiet ugwali u tassenja l-istess porzjonijiet hekk maqsuma bejn l-istess kontendenti, suġġett għall-użu u l-użufrutt tal-intimata fuq il-parti li tiġi assenjata lill-rikorrent; u

4. Tilqa’ r-raba talba u taħtar lill-istess komputist Massimo Borg sabiex jaqsam l-assi ereditarji parafernali tad-defunt Joseph Grima f’żewġ porzjonijiet ugwali u tassenja l-istess porzjonijiet hekk maqsuma bejn l-istess kontendenti, suġġett għall-użu u l-użufrutt tal-intimata fuq il-parti li tiġi assenjata lir-rikorrent.

Bl-ispejjeż tal-preżenti proċedura kontra l-intimata.

**Moqrija.**

**(ft.) Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**(ft.) Mary Jane Attard**

**Deputat Reġistratur**